

**Is-Sur John Attard qiegħed jippreżenta lis-Sur Anton Cassar il-kuntratt ta' l-għoti ta' biċċa art mill-Marbelt Dept. Stores lill-Każin tal-Banda "Holy Trinity". Mix-xellug għal-lemin jidhru wkoll in-Nutar Francis Micallef, is-Sur Charles Attard, is-Sur Carmel Dimech, is-Sur Victor Cilia u s-Sur Alfred Agius.**

# IFFIRMAT IL-KUNTRATT TA' L-GĦOTI TA' BIĊĊA ART MILL-MARBELT DEPARTMENT STORES

Nhar il-Ħamis, 2 ta' Mejju, 1991 kien iffirmat il-kuntratt quddiem in-Nutar Pubbliku Francis Micallef, li bih l-aħwa, is-Sur John Attard u s-Sur Charles Attard, Diretturi tal-Marbelt Department Stores ta' Cross Road, il-Marsa, taw bħala donazzjoni biċċa art li tmiss man-naħa ta' wara tal-Każin il-ġdid li s-Soċjetà Filarmonika "Holy Trinity" qiegħda tibni.

L-aħwa Attard taw biċċa art ta' wisgħa ta' ħames piedi l-wisgħa kollu tal-każin il-ġdid. Huma qiegħu wkoll għas-servizz u l-użu tal-każin għal dejjem, passaġġ ta' ħames piedi wisgħa wkoll, li mill-bitħa tal-Każin jagħti għall-ġnien pubbliku ta' ħdejn it-Triq Diċembru 13.

Iċ-ċerimonja ta' l-iffirmar tal-kuntratt saret fl-uffiċċju tal-Marbelt Department Stores u iffirmaw il-kuntratt għan-naħa tal-Marbelt, is-sur John Attard u s-Sur Charles Attard. Għan-naħa tal-Każin tal-Banda "Holy Trinity" iffirmaw is-Sur Anton Cassar, is-Sur Victor Cilia, is-Sur Carmel Dimech u s-Sur Alfred Agius, Membri tal-Kummissjoni Każin Ġdid tas-Soċjetà.

Fi tmiem iċ-ċerimonja, il-President, is-Sur Anton Cassar irringrazzja lis-Sinjuri Aħwa Attard għal din l-għotja ġeneruża tagħhom, li huwa qal, kienet utli ħafna biex il-Każin il-ġdid seta' jinbena iktar fil-wisgħa u b'iktar kumdità.